MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2239/2003

**Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-ilma**
**f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Rose Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u tnejn u disghin lira Maltin u dsatax–il centezmu (Lm192.19) rappresentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta'l-ilma u kera ta' meter ta'l-ilma li jammonta ghal Lm41.02, u ghall-konsum ta'l-elettriku u kera ta' meter ta'l-elettriku, li jammonta ghal Lm151.17, fil-fond 105A, Triq Santa Lucija, Valletta ghall-perijodu bejn is-26 ta' Gunju 1986 u is-16 ta' Gunju 2003 skond il-kont numru

070671190 u id-dokumenti annessi ma'l-avviz (WSC1 u WSC2).

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 spejjez ta'l-ittra ufficjali tat-13 ta' Awissu 2003 u bl-imgahx kummercjali, kontra l-konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-Korporazzjoni attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u tnejn u disghin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm192.19), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-13 ta' Awissu 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------